# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU
1962

# IL-GHAQDA FIL-"GHAQDA"

*IL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" hi waħda mix-xirkiet l-aktar qodma u l-aktar stmati fil-Gżejjer tagħna; il-lum hi saret istituzzjoni nazzjonali u għalkemm hemm x'uħud li għadhom ma jaħmluhiex, il-poplu ħaddanha u l-awtoritajiet ma jbarruhiex.*

*Imma biex waslet fejn waslet u biex kisbet il-għożża tal-Maltin, il-"Għaqda" dejjem imxiet bil-għaqal u bil-qies u fuq kollox dejjem kienet imwieżna mill-fehma għalenija tal-Membri tagħha. Il-"Għaqda" mit-twaqqif tagħha qatt ma nqdiet bil-għadd ta' l-imseħbin biex turi saħħitha jew setgħetha, iżda dejjem rabtet fuq l-irġulija u l-għaqal tal-Membri u fuq kollox fuq ir-rabta ta' bejniethom. L-"Għaqda" dejjem żammet mal-fehma li aħjar ftit membri magħżulin milli bosta mherwlin. F'dawn is-snin twal li għaddew minn meta Ġużè Muscat Azzopardi u ħbiebu waqqfu l-"Għaqda", din kellha Membri nies minn kull klassi: qassisin, professjonisti, skulari, impjegati, negozjanti u ħaddiema, għax il-"Għaqda" ma tħaresx lejn il-qagħda ta' dak li jkun, imma biss lejn il-ħila tiegħu bħala kittieb u lejn il-ġibda tiegħu lejn l-ilsien Malti. Imma f'dawn s-snin, għalkemm kien hemm Membri ta' bosta fehmiet individwali, f'dak li kellu x'jaqsam mal-"Għaqda" huma lkoll u dejjem kienu ta' fehma waħda u ħadmu id f'id.*

*Sa fejn nafu aħna, qatt ħadd mill-Membri ma mexa bid-dieher jew bil-moħbi kontra l-prinċipji tal-"Għaqda" u fuq kollox l-ebda wieħed ma ħadha kontra l-"Għaqda". Kienet din l-annuna u din il-għaqda fost il-Membri li nisslet dik is-setgħa u tat dak l-isem li għalihom il-"Għaqda" l-lum hi magħrufa u meqjuma mhux biss f'Malta iżda barra minn Malta wkoll.*

*Dan ma jfissirx li l-Membri tal-"Għaqda" dejjem imxew ġwejdin kif qalulhom il-mexxejja tagħhom; għall-kuntrarju l-Membri kienu minn dejjem nies magħrufin għall-individwaliż-mu u għall-għerf tagħhom; nies li jaħsbu b'rashom u ma jħallux min jinqeda bihom; huma kellhom l-idejiet u l-fehmiet tagħhom li kienu jsostnu fid-diskussjonijiet tagħhom imma ta' galantomi li kienu, huma qatt ma ħarġu jissieltu jew jitgħajru barra minn*

*ħdan il-"Għaqda" u dak li kellhom x'igħidu dejjem qaluh bla ħabi lil xulxin u mhux marru jxandruh fost il-barranin.*

*Dawk ta' qabilna kellhom ħafna problemi u kwistjonijiet imma dejjem ittrattawhom fil-laqgħat tal-"Għaqda" u ladarba jaqbdu "policy" ħadd minnhom ma kien igħaddilu minn rasu li jmur jisparla kontra tagħha, għax il-ħsieb tagħhom kien dejjem li jmexxu 'l quddiem l-ilsien Malti u qatt ma ħallew ruħhom jintrikbu mill-egoiżmu jew mir-regħba. L-ebda wieħed minnhom xi darba ħolom li jmur jikteb kontra r-rivista tal-"Għaqda" f'ġurnal barrani, u kull meta kien ikollhom x'igħidu dwar il-"policy", kienu b'wiċċhom minn quddiem igħiduha lill-mexxejja tal-"Għaqda" jew iġibuha fis-seduti tagħha.*

*B'din il-manjiera l-Membri tal-"Għaqda" dejjem ħarsuha minn xi firda għax bħala nies għaqlin setgħu jagħrfu li x-xiżma mhux biss therri u ddgħajjef iżda teqred u ttemm.*

*Għalhekk il-mexxejja u l-imseħbin tal-"Għaqda" dejjem ħabirku biex ikunu annuna għax jafu li n-nuqqas ta' ftehim, u fuq kollox l-egoiżmu, ikunu l-irvina ta' din il-ġemgħa ta' nies galantomi li jagħmlu ġieh mhux biss l-ilsien Malti, iżda lill-pajjiż. Nimxu mela fit-triq li fetħulna dawk ta' qabilna, triq ta' rġulija, ta' ftehim u ta' għaqda li twassalna għall-ideal tagħna.*